



Brussell, 23 ta' April 2021
(OR. en)

7896/21

DEVGEN 73
SUSTDEV 40
ACP 26
COHAFA 34
RELEX 320
FIN 294
WTO 108
ONU 40
OCDE 7

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	23 ta' April 2021
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	7756/21
Suġġett:	Rapport Annwali tal-2020 dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni Ewropea għall-finanzjament tal-azzjonijiet esterni fl-2019 - Konklużjonijiet tal-Kunsill (23 ta' April 2021)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill rigward ir-Rapport Annwali tal-2020 dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni Ewropea għall-finanzjament tal-azzjoni esterna fl-2019, approvat bi proċedura bil-miktub fit-23 ta' April 2021.

**Rapport Annwali tal-2020 dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni Ewropea
għall-finanzjament tal-azzjonijiet esterni fl-2019**

Konklużjonijiet tal-Kunsill

1. Il-Kunsill jilqa r-Rapport Annwali dwar l-implimentazzjoni tal-istrumenti tal-Unjoni Ewropea għall-finanzjament tal-azzjonijiet esterni fl-2019. Ir-rapport huwa mezz importanti ta' komunikazzjoni biex jinforma liċ-ċittadini u lill-partijiet ikkonċernati, kif ukoll biex itejjeb it-trasparenza u r-responsabbiltà dwar l-implimentazzjoni u r-riżultati tal-azzjoni esterna tal-UE u l-kontribut tagħha għall-kisba tal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u s-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs) tagħha, flimkien mal-Ftehim ta' Pariġi.
2. Il-Kunsill japprezza li r-rapport ikopri aspetti ewlenin tal-istrumenti kollha ta' azzjoni esterna tal-UE, inkluż il-kooperazzjoni u l-iżvilupp internazzjonali, il-Politika Ewropea tal-Viċinat, l-għajnuna umanitarja u l-protezzjoni ċivili, it-tkabbir tal-UE, is-sigurtà u d-difiża, ir-rispons u t-tnejn għall-kriżijiet, id-drittijiet tal-bniedem u d-demokrazija, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ħtiġijiet tal-politika estera tal-UE. Huwa jilqa' l-isforz tar-rapport biex juri progress lejn il-kisba tal-SDGs.
3. Il-Kunsill jappella għal "Viżjoni Kondiviża" msaħħa, "Azzjoni Komuni" u "ħidma aħjar flimkien" kif irrakkomandat fl-Istrateġija Globali għall-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-Unjoni Ewropea u l-Kunsens Ewropew il-ġdid dwar l-Iżvilupp, inkluż il-progress lejn azzjoni esterna tal-Unjoni aktar magħquda, reattiva, inklużiva, effiċjenti u aktar b'saħħitha.
4. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jinbnew sħubiji internazzjonali b'saħħithom f'konformità mal-valuri u l-interessi tal-UE, filwaqt li jiġi segwit multilateraliżmu effettiv man-Nazzjonijiet Uniti fil-qalba tiegħu, u tissaħħa il-kooperazzjoni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli. Il-Kunsill ifakkar li ordni multilaterali bbażat fuq id-dritt internazzjonali, inkluż il-prinċipji tal-Karta tan-NU u d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, hija l-unika garanzija għall-paċi u s-sigurtà fil-pajjiż u barra mill-pajjiż.
5. Il-Kunsill japprezza r-rappurtar imtejjeb mis-servizzi tal-Kummissjoni u s-SEAE dwar riżultati konkreti ta' proġetti u programmi tal-UE, inkluż billi tiġi pprovduta kopertura usa' tad-data u informazzjoni komprensiva.

6. Fir-rigward ta' rapporti futuri, il-Kunsill jenfasizza l-importanza li jkun hemm fokus fuq ir-riżultati speċifiċi tal-azzjoni esterna tal-UE u l-prijoritajiet ta' politika tagħha, u jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tintegra aħjar ir-rappurtar dwar ir-riżultati fil-kapitoli tematiċi.
7. Il-Kunsill jappella lis-servizzi tal-Kummissjoni u lis-SEAE biex jirriflettu dwar il-format tar-rapport, sabiex ikomplu jtejb u l-kwalità, l-orjentazzjoni lejn ir-riżultati u l-faċilità tal-użu tiegħu, filwaqt li jiżguraw it-twassil tiegħu b'mod aktar f'waqt.
8. Il-Kunsill jappella lis-servizzi tal-Kummissjoni u lis-SEAE biex jirrapportaw espliċitament dwar ir-rispons globali tal-UE għall-pandemija tal-COVID-19, inkluż dwar il-kisbiet tal-approċċ ta' Tim Ewropa, li beda fl-2020 u ser jiġi segwit fl-isforzi konġunti tagħna biex nappoġġaw lill-pajjiżi sħab tagħna fl-irkupru u l-bini mill-ġdid aħjar u aktar ekoloġiku. Il-Kunsill jipproponi wkoll li ssir enfasi partikolari fuq l-ispejgazzjoni ta' kif riżorsi finanzjarji ġodda u orjentati mill-ġdid jintużaw biex jiġu mmirati l-persuni l-aktar milquta minn din il-kriżi.
9. Il-Kunsill jenfasizza wkoll ir-rilevanza ta' rappurtar ġeografiku u tematiku strutturat tajjeb u dettaljat dwar l-implimentazzjoni taħt l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) previst, inkluż il-progress lejn l-ilħuq tal-għanijiet u l-miri tal-NDICI. F'dan l-isfond, il-Kunsill jinkoraġġixxi lis-servizzi tal-Kummissjoni u lis-SEAE biex juru aħjar kif l-azzjoni esterna u r-rwol ġeopolitiku tal-UE jikkontribwixxu għall-prijoritajiet ta' politika tal-UE f'kull reġjun ġeografiku li topera fih.
10. Il-Kunsill jilqa' r-rappurtar dwar il-modalitajiet finanzjarji u mhux finanzjarji tal-azzjoni konġunta mill-UE u l-Istati Membri (inkluż pereżempju dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli), kif ukoll skont it-tip ta' sħab fl-implimentazzjoni u skont it-tip ta' strumenti (inkluż informazzjoni dettaljata dwar l-appoġġ baġitarju, il-mekkaniżmi ta' taħlit, is-self u l-garanziji). Il-Kunsill jinkoraġġixxi lis-servizzi tal-Kummissjoni u lis-SEAE biex ikomplu japplikaw u, fejn rilevanti, itejbu aktar ir-rappurtar differenzjat f'modalitajiet differenti ta' għajnuna, inkluż dwar l-appoġġ baġitarju fl-annessi finanzjarji.

11. Il-Kunsill jappella lis-servizzi tal-Kummissjoni u lis-SEAE biex ikomplu jtejbu

l-komunikazzjoni strateġika u s-sensibilizzazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar l-azzjoni esterna tagħha. Il-Kunsill jappoġġa wkoll iż-żieda ta' miżuri ta' komunikazzjoni ta' suċċess immirati lejn il-gruppi fil-mira rilevanti kollha permezz ta' kampanji u avvenimenti tematiċi biex jizziedu l-impatt u l-viżibbiltà tal-azzjoni esterna tal-UE u tiġi indirizzata d-diżinformazzjoni.
